

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Tipi Ta' Professjonijiet Legali](#) > [Austria](#)

# Tipi ta' professjonijiet legali

Il-kontenut ipprovdut minn  
Awstrija

Awstrija



Din il-paġna tagħti farsa ġenerali lejn il-professjonijiet legali fl-Awstrija.

## Professjonijiet legali – Introduzzjoni

Attwalment (fl-2023) madwar 1 850 imħallef professjonali huma impjegati fil-qasam tal-“qrati ordinarji”, jiġifieri fil-qasam tad-dritt ċivili, kriminali, industrijali u soċjali (iċ-ċifra tirrappreżenta l-ekwivalenti għal full-time attivi, inkluż fil-Qorti Suprema). Madwar 700 prattikant ġudizzjarju huma responsabbli għal parti sostanzjali mill-ġudikatura. Hemm ukoll madwar 600 imħallef professjonali fil-qrati amministrattivi.

Barra minn hekk, persuni mhux esperti jiġu assenjati għal kawżi speċifiċi u jaħdmu fuq bażi volontarja. Dawn jinkludu mħallfin onorarji jew ġurati f'kawżi kriminali u mħallfin assoċjati b'kompetenza speċjali li jaħdmu fuq kawżi tad-dritt kummerċjali, industrijali u soċjali kif ukoll ċerti proċedimenti amministrattivi.

Hemm madwar 480 prosekutur (fl-2023, iċ-ċifra tirrappreżenta pożizzjonijiet ekwivalenti għal full-time attivi, inkluż fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali iżda mhux l-awtorità ċentrali).

3 799 persuna huma impjegati fis-sistema tal-ħabs (ċifra tal-1 ta' Settembru 2019, li tirrappreżenta pożizzjonijiet ekwivalenti għal full-time attivi, inklużi l-membri tad-Direttorat tal-Ħabsijiet); din iċ-ċifra tinkludi total ta' 3 214-il gwardjan tal-ħabs (inklużi dawk fis-servizz ta' taħriġ).

## 1. Imħallfin

### Taħriġ u ħatra tal-imħallfin

Biex wieħed jinħatar imħallef fil-qrati ordinarji jrid ikollu mill-inqas 4 snin ta' esperjenza legali u jrid ikun għadda mill-eżami għall-kariga ġudizzjarja wara li jkun temm l-istudji tal-liġi.

Parti mill-esperjenza professjonali tinkludi traineeship fil-qorti ta' mill-inqas 7 xhur (prattika fil-qorti, li qabel kienet tissejjaħ “is-sena tal-qorti”) li għandhom id-dritt għalih l-gradwati nisa u li huwa wkoll prerekwiżit għal dawk li jixtiequ jsiru avukat jew nutar. Il-bqija tal-prattika professjonali obligatorja normalment tinkiseb permezz ta' preparazzjoni ġudizzjarja speċjali bħala mħallef apprendist waqt it-taħriġ ġudizzjarju, iżda din tista' tinkiseb ukoll f'attività legali oħra, pereżempju bħala avukat apprendist.

Madwar 100 avukat apprendist jiġu aċċettati kull sena għat-taħriġ preparatorju. Is-servizz ta' preparazzjoni ġudizzjarja (inkluż l-apprendistat fil-qorti) idum fil-prinċipju 4 snin u jsir fil-qrati distrettwali, fil-qrati reġjonali, fl-uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi, fil-ħabsijiet, fiċ-ċentri għall-protezzjoni jew l-assistenza tal-vittmi, jew fl-uffiċċji ta' avukat, ta' nutar, jew fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Finanzjarju. Parti minn dan it-taħriġ tista' ssir ukoll fil-Qorti Reġjonali Superjuri, fil-Qorti Suprema, fil-Ministeru Federali għall-Ġustizzja, fid-Direttorat tal-Ħabsijiet, fiċ-ċentri tas-servizz ta' probation, fl-assoċjazzjonijiet ta' fiduċjarji legali jew fl-uffiċċji tal-welfare taż-żgħażaġh, fl-uffiċċju tal-kummissarju għall-protezzjoni legali, jew fis-settur finanzjarju (pereżempju, f'impriżi xierqa). Is-servizz ta' preparazzjoni ġudizzjarja jispiċċa b'eżami tal-kariga ġudizzjarja. Il-perjodu ta' taħriġ jitnaqqas skont il-bżonn għal dawk il-persuni li jkunu se jibdlu l-karriera tagħhom wara li jiksbu l-esperjenza professjonali fi professjonijiet legali oħrajn. Persuna li tkun diġà għaddiet mill-eżami ta' avukat jew nutar tkun trid tagħmel biss eżami supplimentari u mhux l-eżami għall-kariga ġudizzjarja.

Ladarba jkunu għaddew l-eżami tal-kariga ġudizzjarja, wieħed ikun irid japplika għall-pożizzjoni vakanti ta' mħallef jew prosekutur pubbliku.

Fil-qrati amministrattivi ma hemm l-ebda servizz ta' preparazzjoni ġudizzjarja; madankollu, l-imħallfin amministrattivi jrid ikollhom mill-inqas esperjenza professjonali preċedenti ta' 5 snin (pereżempju, fis-servizz ta' awtorità amministrattiva) u ma jagħmlux eżami.

L-imħallfin tal-qorti ordinarja jistgħu jaqilbu għall-qrati amministrattivi. L-imħallfin tal-qorti amministrattiva, ukoll, jistgħu jinħatru bħala mħallfin tal-qorti ordinarja wara 5 snin ta' servizz fil-qrati amministrattivi.

Il-ħatriet fil-pożizzjoni ta' mħallef jew prosekutur pubbliku normalment isiru mill-Ministru Federali għall-Ġustizzja. Id-dritt li jsiru ħatriet huwa riżervat għall-President Federali għal ċerti funzjonijiet biss. B'kuntrast, l-imħallfin tal-Qorti Amministrattiva Reġjonali jinħatru mill-gvern provinċjali rispettiv. L-ċittadini Awstrijaċi biss jistgħu jinħatru bħala mħallfin jew prosekuturi pubbliċi.

## Status tal-imħallfin

L-imħallfin maħtura fil-qrati ordinarji federali u fil-qrati amministrattivi huma impjegati taċ-ċivil federali. Minbarra l-Att Kostituzzjonali Federali (*Bundes-Verfassungsgesetz (B-VG)*), is-sors legali ewlieni għat-taħriġ u l-istatus professjonali tal-imħallfin huwa l-Att dwar l-Imħallfin u l-Prosekuzzjoni Pubblika (*Richter- und Staatsanwaltschaftsdienstgesetz (RStDG)*). L-Att jistabbilixxi bosta dispożizzjonijiet (inklużi pereżempju l-liġi dixxiplinarja u d-deskrizzjonijiet tas-servizz) kemm għall-imħallfin kif ukoll għall-prosekuturi pubbliċi.

L-imħallfin maħtura fil-Qrati Reġjonali Amministrattivi (*Landesverwaltungsgerichte*) huma impjegati taċ-ċivil tal-provinċja rispettiva. L-istatus professjonali tagħhom huwa rregolat fl-Att Kostituzzjonali Federali u f'leġiżlazzjoni provinċjali speċifika.

L-imħallfin professjonali kollha huma maħtura għal perjodu ta' żmien bla limitu u jirtiraw fl-aħħar tax-xahar li fih jagħlqu l-65 sena.

Skont l-Artikoli 87 u 88 tal-Att Kostituzzjonali Federali, l-imħallfin jaġixxu bħala aġenti indipendenti tal-istat fl-interpretazzjoni tad-dritt u fl-aġġudikazzjoni tal-kawżi. Din l-indipendenza hija espressa fil-libertà tal-imħallfin mill-istruzzjoni (l-indipendenza materjali) u fil-fatt li ma jistgħux jitneħħew jew jiġu ttrasferiti għal pożizzjoni oħra (l-indipendenza personali). L-imħallfin huma marbuta biss bil-liġi u jiddeċiedu abbażi tal-fehmiet legali tagħhom stess. Bl-istess mod, dawn ma jkunux marbuta b'deċiżjonijiet preċedenti ta' qrati oħra dwar kwistjonijiet legali simili (preċedenti).

Apparti minn meta jirtiraw b'mod permanenti wara li jkunu laħqu l-età statutorja, l-imħallfin jistgħu jitneħħew mill-kariga jew jiġu ttrasferiti għal pożizzjoni oħra jew irtirati kontra r-rieda tagħhom biss fiċ-ċirkostanzi u bil-mod previst mil-liġi u abbażi ta' deċiżjoni ġudizzjarja formali (l-Artikolu 88 tal-Att Kostituzzjonali Federali).

L-imħallfin igawdu status kostituzzjonali speċjali biss fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tagħhom (meta jwettqu l-attivitajiet ġudizzjarji kollha assenjati lilhom bil-liġi u l-allokazzjoni tal-kawżi) mhux fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-qrati, li wkoll issir mill-imħallfin. Tapplika eċċezzjoni għal kawżi amministrattivi ġudizzjarji li jridu jiġu ttrattati *in camera* jew f'kummissjonijiet (eż. l-allokazzjoni tal-kawżi, il-proposti għall-ħatriet). Inkella, huma marbuta bi struzzjonijiet mis-superjuri tagħhom. L-allokazzjoni fissa ta' xogħol ġudizzjarju tiżgura li jiġi mħares id-dritt legali għal imħallef, stabbilit mill-kostituzzjoni.

## Rwol u dmirijiet

L-Imħallfin huma responsabbli biex jiġġudikaw kawżi tad-dritt ċivili u kriminali. Fil-materji tad-dritt amministrattivi u kostituzzjonali, huma jaġixxu bħala kontroll fuq l-amministrazzjoni u bħala għassiesa tal-kostituzzjoni.

## Ir-responsabbiltà quddiem il-liġi

Qorti Dixxiplinari: L-imħallfin li jkunu ħatja li kisru l-obbligi professjonali u etiċi tagħhom iridu jwieġbu quddiem il-qorti dixxiplinarja. Għall-imħallfin tal-qorti ordinarja, il-qorti dixxiplinarja hija stabbilita fil-Qorti Reġjonali Superjuri jew fil-Qorti Suprema u tikkonsisti biss minn imħallfin. Il-qorti dixxiplinarja hija wkoll kompetenti fi kwistjonijiet ta' mgħiba ħażina minn prosekuturi pubbliċi. L-istess regolamenti dixxiplinari, bi ftit eċċezzjonijiet, japplikaw għall-imħallfin tal-qrati amministrattivi federali. B'kuntrast, ir-regoli dixxiplinarji għall-imħallfin tal-Qorti

Amministrattiva Reġjonali huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni provinċjali rilevanti.

Qorti Kriminali: I-imħallfin (u l-prosekuturi pubbliċi) li, minbarra li jkunu ħatja li kisru l-obbligi professjonali tagħhom, iwettqu wkoll reat kriminali jridu jwieġbu quddiem il-qorti kriminali (pereżempju, fil-każ ta' abbuż ta' poter uffiċjali).

Qorti Ċivili: il-partijiet li jkunu ġarrbu telf bħala riżultat ta' kondotta illegali u kolpevoli minn imħallef (jew prosekutur pubbliku) jistgħu jressqu rikors għat-telf kontra l-Istat. L-Istat jista' jirrikorri kontra l-imħallef (jew il-prosekutur pubbliku) f'każijiet ta' atti intenzjonali jew negliġenza serja.

## 2. Prosekuturi pubbliċi

### Struttura organizzattiva

B'mod ġenerali, l-organizzazzjoni ġerarkika tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku tikkorrispondi għall-organizzazzjoni tal-qorti.

Hemm uffiċċju tal-prosekutur pubbliku f'kull waħda mis-16-il qorti tal-prim'istanza b'ġuriżdizzjoni fuq kawżi kriminali. Barra minn hekk, hemm l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Ekonomika u l-Korruzzjoni (*Wirtschafts- und Korruptionsstaatsanwaltschaft*) b'kompetenza madwar l-Awstrija kollha. Hemm uffiċċju tal-prosekutur pubbliku anzjan f'kull qorti reġjonali superjuri, u Uffiċċju tal-Prokuratur Ġenerali fil-Qorti Suprema. L-uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi anzjani u l-Uffiċċju tal-Prokuratur Ġenerali jwieġbu direttament lill-Ministru Federali għall-Ġustizzja.

### Taħriġ u ħatra ta' prosekuturi pubbliċi

It-taħriġ ta' prosekutur pubbliku jikkorrispondi għal dak tal-imħallfin professjonali tal-qorti ordinarja.

Jistgħu jinħatru bħala prosekutur pubbliku biss dawk il-persuni li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-ħatra fil-kariga ta' mħallef.

Pożizzjonijiet permanenti vakanti għal prosekuturi pubbliċi, bħal pożizzjonijiet permanenti għall-imħallfin, għandhom jixxandru pubblikament biex jimtlew. Il-President Federali għandu d-dritt li jaħtar prosekuturi pubbliċi iżda, bħal fil-każ tal-imħallfin, il-President ikun iddelega d-dritt tal-ħatra lill-Ministru Federali għall-Ġustizzja għall-biċċa l-kbira tal-karigi permanenti ta' prosekutur pubbliku.

### Status tal-prosekuturi pubbliċi

L-uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi huma awtoritajiet ġudizzjarji separati, iżda mhux indipendenti. Għandhom struttura ġerarkika u huma marbuta bl-istruzzjonijiet tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku anzjan u fl-aħħar mill-aħħar mill-Ministru Federali għall-Ġustizzja.

Hemm regoli statutorji preċiżi li jirregolaw id-dritt li jinħarġu struzzjonijiet. Struzzjonijiet mingħand uffiċċju ta' prosekutur pubbliku anzjan jew mingħand il-Ministru Federali għall-Ġustizzja jistgħu jinħarġu biss fil-forma miktuba u jridu jkunu akkumpanjati minn stqarrija ta' raġunijiet. Barra minn hekk, l-istruzzjonijiet irċevuti għandhom jiġu rreġistrati fl-atti tal-kawża kriminali. Qabel ma joħroġ struzzjoni, il-Ministru Federali jkun meħtieġ li jikkonsulta lill-kunsill konsultattiv dwar l-istruzzjonijiet (*Weisungsrat*). Il-Ministru Federali għall-Ġustizzja għandu responsabbiltà ministerjali u għalhekk irid jagħti rendikont, u huwa obligat li jipprovdi informazzjoni, lill-Parlament.

Il-membri tal-persunal tal-uffiċċji individwali tal-prosekuturi pubbliċi huma meħtieġa jikkonformaw mal-istruzzjonijiet mogħtija mid-direttur tal-uffiċċju. Madankollu, jekk jikkunsidraw li struzzjoni tmur kontra l-liġi, jistgħu jitolbu struzzjoni bil-miktub u jistgħu saħansitra jirranġaw biex jiġu meħlusa milli jittrattaw il-kawża kriminali inkwistjoni.

### Rwol u dmirijiet

L-Uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi huma entitajiet speċjali separati mill-qorti. Ir-rwol tagħhom huwa li jissalvagwardjaw l-interess pubbliku fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali. Dan jinkludi li jkunu inkarigati

minn proċedimenti ta' investigazzjoni kriminali. Huma wkoll responsabbli għall-infilzar u l-preżentata tal-atti ta' akkuża fi proċedimenti kriminali. Għalhekk huma msejħa wkoll aġenziji tal-prosekuzzjoni.

Il-prosekuturi pubbliċi huma responsabbli biex iressqu u jippreżentaw l-atti ta' akkuża, kemm quddiem il-Qorti Reġjonali kif ukoll quddiem il-qorti distrettwali tad-distrett rispettiv tal-Qorti Reġjonali. Bħala regola, il-prosekuturi distrettwali jippreżentaw l-akkuża quddiem il-qorti distrettwali. Dawn huma uffiċjali b'kompetenza speċjali, iżda mhumiex meħtieġa li jkollhom grad akkademiku.

Pożizzjoni speċjali hija okkupata mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Ekonomika u l-Korruzzjoni, li l-ġuriżdizzjoni tiegħu mal-pajjiż kollu testendi primarjament għall-oqsma ta' aġir ħażin minn impjegati taċ-ċivil u għar-reati ekonomiċi li jinvolvu ammonti li jaqbżu l-EUR 5 000 000. Il-kompetenzi tiegħu jinkludu wkoll reati finanzjarji li jinvolvu ammonti ta' aktar minn EUR 5 000 000, każijiet aggravati ta' frodi soċjali, reati ta' falliment frawdolenti aggravat (*kridaträchtiges Verhalten*), u, fost l-oħrajn, reati taħt il-Liġi dwar il-Kumpaniji Pubbliċi b'Responsabbiltà Limitata jew il-Liġi dwar il-Kumpaniji Privati b'Responsabbiltà Limitata mwettqa f'impriżi pjuttost kbar (b'kapital azzjonarju ta' mill-inqas EUR 5 000 000 jew b'aktar minn 2 000 impjegat).

L-uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi anzjani huma ġerarkikament superjuri għall-uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi u huma stabbiliti fil-Qorti Reġjonali Superjuri fi Vjenna, Graz, Linz u Innsbruck. Minbarra li jippreżentaw l-atti tal-akkuża quddiem il-Qorti Reġjonali Superjuri, huma wkoll responsabbli biex jissorveljaw l-uffiċċji kollha tal-prosekuturi pubbliċi fid-distrett tagħhom u jwieġbu direttament lill-Ministru Federali għall-Ġustizzja.

L-Uffiċċju tal-Prokuratur Ġenerali, stabbilit fil-Qorti Suprema, imbagħad jokkupa pożizzjoni speċjali. Dan jirrapporta direttament lill-Ministru Federali għall-Ġustizzja u hu stess m'għandux id-dritt li joħroġ struzzjonijiet lill-uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi u lill-uffiċċji tal-prosekuturi pubbliċi anzjani. Lanqas ma jippreżenta atti ta' akkuża; minflok, huwa inkarigat li jappoġġa lill-Qorti Suprema. Huwa awtorizzat primarjament li jressaq appelli għan-nullità biex jiġi żgurat li l-liġi tiġi rispettata f'materji kriminali li fihom il-partijiet ma jkollhom l-ebda possibbiltà (ulterjuri) ta' appell. L-Uffiċċju tal-Prokuratur Ġenerali b'hekk jaqdi funzjoni importanti billi jippreserva l-unità tad-dritt u jiżgura ċ-ċertezza legali f'materji tad-dritt kriminali.

### Ir-responsabbiltà quddiem il-liġi

Ir-responsabbiltà dixxiplinarja, kriminali u ċivili tal-prosekuturi pubbliċi hija rregolata bl-istess mod bħal dik tal-imħallfin tal-qorti ordinarji.

## 3. Reġistraturi

### Struttura organizzattiva

Fl-Awstrija, ir-reġistraturi (*Diplomrechtspfleger\*innen*) huma pilastru essenzjali tas-sistema ġudizzjarja. Illum, aktar minn 80 % tad-deċiżjonijiet kollha tal-qorti fil-prim'istanza f'kawżi ċivili jittieħdu minn aktar minn 700 reġistratur.

### Taħriġ għar-reġistraturi

Jiġu aċċettati għat-taħriġ bħala reġistratur biss dawk il-persuni li jkunu għaddew mill-eżami għat-tluq mill-iskola jew li jkunu kisbu kwalifika professjonali. It-taħriġ jieħu 3 snin u jinkludi xogħol tal-qorti, inklużi l-preparazzjoni ta' dispożizzjonijiet fil-qasam tax-xogħol rilevanti, parteċipazzjoni f'kurs ta' taħriġ ġenerali u ta' taħriġ speċifiku għall-qasam tax-xogħol, u li wieħed jgħaddi mill-eżamijiet rilevanti. Wara li jgħaddi mill-eżami tar-reġistratur, sakemm ir-rekwiżiti l-oħra elenkati fl-Artikolu 3 tal-Att dwar ir-Reġistraturi (*Rechtspflegergesetz*) ikunu ġew issodisfati, ir-reġistratur kandidat jirċievi diploma mill-Ministru Federali għall-Ġustizzja. Id-diploma trid tispeċifika l-qasam tax-xogħol. Malli jirċievi din id-diploma, ir-reġistratur kandidat ikun awtorizzat li jwettaq xogħol ġudizzjarju fil-qasam tax-xogħol tiegħu fit-territorju federali, u għalhekk jista' jaħdem bħala reġistratur.

L-imħallf li jippresjedi l-Qorti Reġjonali Superjuri jrid jiddetermina sussegwentement il-qorti li fiha l-uffiċjal tal-qorti rilevanti għandu jiġi impjegat bħala reġistratur u, jekk applikabbli, għal liema perjodu. Fil-qorti magħżula mill-imħallf li jippresjedi, ir-reġistratur jiġi allokati mill-maniġment (il-president jew il-kap tal-qorti) lil dipartiment tal-qorti ġestit minn imħallf jew, jekk applikabbli, għal għadd ta' dipartimenti tal-qorti.

## Status tar-reġistraturi

Ir-reġistraturi huma uffiċjali tal-qorti mħarrġa apposta li t-trattament ta' xogħol speċifikament ċirkoskritt f' materji ċivili fil-prim'istanza jista' jiġi ttrasferit lilhom abbażi tal-Artikolu 87a tal-Att Kostituzzjonali Federali Awstrijak u l-Att dwar ir-Reġistraturi. F'din il-funzjoni huma marbuta biss bl-istruzzjonijiet tal-imħallfin responsabbli għall-kawża skont l-allokkazzjoni tax-xogħol tal-qorti. L-imħallfin jistgħu fi kwalunkwe ħin jirriżervaw it-trattament tal-kawża għalihom infushom jew jieħdu konjizzjoni tagħha huma stess. Id-deċiżjonijiet meħuda mir-reġistraturi jistgħu jiġu kkontestati, bħad-deċiżjonijiet tal-imħallfin.

Fil-prattika, ir-reġistraturi jaħdmu l-aktar b' mod indipendenti. Struzzjonijiet mingħand l-imħallef mhumiex normali u jinħarġu estremament rari.

## Rwol u dmirijiet

Ir-reġistraturi jinħatru fl-oqsma ta' ħidma li ġejjin:

- proċedura ċivili, eżekuzzjoni u kwistjonijiet ta' insolvenza (proċedimenti ta' saldu ta' dejn);
- kwistjonijiet mhux kontenżjużi;
- kwistjonijiet ta' reġistru tal-artijiet u ta' reġistru tal-bastimenti;
- kwistjonijiet ta' reġistru tal-kumpaniji.

Kull wieħed minn dawn l-oqsma ta' ħidma jeħtieġ taħriġ speċjali u ħatra speċjali bħala reġistratur fir-rigward tal-qasam ta' ħidma rilevanti.

## Diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-imħallfin u r-reġistraturi

L-isfera tal-attività ta' reġistratur ma tinkludix ix-xogħol u d-deċiżjonijiet kollha fl-oqsma tax-xogħol imsemmija hawn fuq. Ix-xogħol li jaqa' fl-isfera tal-attività tar-reġistratur huwa stabbilit speċifikament fl-Att dwar ir-Reġistraturi, u l-firxa tal-isfera tal-attività tvarja minn qasam ta' ħidma għal ieħor.

L-Att dwar ir-Reġistraturi jistabbilixxi l-isferi ta' attività għall-oqsma ta' ħidma individwali li jassenjaw responsabbiltajiet speċifiċi lir-reġistraturi (pereżempju, l-isfera ta' attività f'kawżi ta' insolvenza tinkludi kawżi ta' falliment quddiem il-qrati distrettwali). Naturalment, ċerti responsabbiltajiet huma riżervati għall-imħallfin. Barra minn hekk, kull sfera tal-attività tinkludi, fost affarijiet oħra, it-twettiq ta' proċeduri ta' "ordni ta' ħlas", il-konferma tal-effett legali u l-eżegwibilità tas-sentenzi tal-qrati fil-qasam ta' ħidma partikolari, id-deċiżjonijiet dwar rikorsi għall-għajnuna legali fil-proċedimenti tar-reġistratur, u t-twettiq ta' funzjonijiet uffiċjali abbażi ta' talba għall-assistenza ġudizzjarja minn qorti domestika jew awtorità domestika.

## 4. Avukati

### Ġenerali

L-avukati huma kkwalfikati u awtorizzati biex jirrappreżentaw lill-partijiet fil-proċedimenti kollha tal-qorti u barra mill-qorti fil-kwistjonijiet pubbliċi u privati kollha quddiem il-qrati u l-awtoritajiet pubbliċi kollha tal-Awstrija.

L-ebda ħatra uffiċjali ma hija meħtieġa għal dawk li jixtiequ jipprattikaw bħala avukat fl-Awstrija; madankollu, il-prattika professjonali hija kundizzjonali fuq ir-rekwiżiti stabbiliti hawn taħt.

Il-bażijiet legali ewlenin huma l-Kodiċi tal-Avukati (*Rechtsanwaltsordnung (RAO)*), il-Gazzetta tal-Liġi Imperjali (RGI.) Nru 96/1896; l-Istatut Dixiplinari għall-Avukati u l-Avukati apprendisti (*Disziplinarstatut für Rechtsanwälte und Rechtsanwaltsanwärter (DSt)*), il-Gazzetta tal-Liġi Federali (BGBl.) Nru 474/1990; il-Liġi Federali dwar l-Onorarji tal-Avukati (*Bundesgesetz über den Rechtsanwaltsstarif (RATG)*), BGBl. Nru 189/1969; il-Liġi dwar l-eżami tal-avukati (*Rechtsanwaltsprüfungsgesetz (RAPG)*), BGBl. Nru 556/1985; u l-Att Federali dwar il-libertà li jiġu pprovdu ti servizzi u l-istabbiliment tal-avukati Ewropej u l-provvediment tas-servizzi legali minn avukati attivi internazzjonalment fl-Awstrija (*Bundesgesetz über den freien Dienstleistungsverkehr und die Niederlassung von europäischen Rechtsanwältinnen und Rechtsanwälten sowie die Erbringung von Rechtsdienstleistungen durch international tätige Rechtsanwältinnen und Rechtsanwälte in Österreich (EIRAG)*), BGBl. I Nru 27/2000.

## Rekwiżiti għal prattika professjonali

Dawk li jixtiequ jeżerċitaw il-professjoni ta' avukat l-ewwel iridu jkunu studjaw il-liġi Awstrijaka u mbagħad jagħtu prova li jkunu għamli total ta' mill-inqas 5 snin involuti f'ħidma legali professjonali, li minnhom mill-inqas 7 xhur iridu jkunu ħidma f'qorti jew f'xi ufficiċċju tal-prosekutur pubbliku u 3 snin fl-ufficiċċju ta' avukat Awstrijak bħala avukat kandidat.

L-eżami tal-avukati, li l-kandidati jridu jgħaddu minnu biex ikunu jistgħu jipprattikaw, jista' jsir wara impjeg prattiku ta' 3 snin, li minnhom mill-inqas 7 xhur iridu jkunu ħidma f'qorti u mill-inqas sentejn fl-ufficiċċju ta' avukat. Sabiex jagħmlu l-eżami, il-kandidati jridu jieħdu sehem ukoll fil-korsijiet ta' taħriġ obbligatorji preskritti għall-avukati kandidati mill-Kamra tal-Avukati.

Dawk li jissodisfaw ir-rekwiżiti jistgħu jiddaħħlu fil-lista tal-avukati tal-Kamra tal-Avukati tad-distrett ġudizzjarju fejn ikunu se jifflu l-ufficiċċju tagħhom.

Taħt ċerti ċirkostanzi, l-avukati barranin li jkunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, Stat ieħor li huwa parti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, jew l-Iżvizzera, jistgħu wkoll:

- iwettqu attivitajiet bħala avukati fuq bażi temporanja fl-Awstrija;
- japplikaw biex jiddaħħlu fil-lista tal-avukati tal-Kamra tal-Avukati responsabbli (wara li jkunu għamli eżami tal-kapaċità); jew
- jifflu ufficiċċju fl-Awstrija immedjatament mingħajr l-ebda eżami tal-kapaċità taħt it-titlu professjonali użat fil-pajjiż ta' oriġini u jsiru kompletament integrati fil-professjoni legali Awstrijaka wara prattika professjonali effettiva u regolari għal 3 snin fl-Awstrija.

Taħt ċerti ċirkostanzi, membru ta' Kamra tal-Avukati ta' Stat Membru tal-GATS jista' wkoll iwettaq ċerti attivitajiet ta' avukat delimitati b'mod preċiż fuq bażi temporanja fl-Awstrija.

## Ir-responsabbiltà quddiem il-liġi

L-avukati li jiksru l-obbligi professjonali jew jiskreditaw il-professjoni jridu jwieġbu quddiem kunsill dixxiplinari magħżul mill-Kamra tal-Avukati lokali. Il-pieni li jistgħu jiġu imposti mill-kunsill tad-dixxiplina jinkludu t-tneħħija tal-persuna kkonċernata mil-lista tal-avukati. Id-deċiżjonijiet fit-tieni istanza jittieħdu mill-Qorti Suprema f'diviżjonijiet ta' erba' persuni li jikkonsistu f'żewġ imħallfin mill-Qorti Suprema u żewġ avukati.

Barra minn hekk, l-avukati huma naturalment suġġetti għar-responsabbiltà kriminali u ċivili.

## Kamra tal-Avukati, Kamra tal-Avukati Nazzjonali Awstrijaka

L-avukati kollha fi provinċja partikolari li jkunu mniżżla fil-lista ta' dik il-provinċja jiffurmaw Kamra tal-Avukati (*Rechtsanwaltskammer*). Il-Kmamar tal-Avukati huma korpi rregolati mid-dritt pubbliku u korpi awtonomi li jirregolaw lilhom infushom.

Fuq livell federali, l-interessi tal-avukati Awstrijaċi b'mod ġenerali huma rrappreżentati mill-Kamra tal-Avukati Nazzjonali Awstrijaka (*Österreichischer Rechtsanwaltskammertag*). Din tikkonsisti fid-disa' Kmamar tal-Avukati tal-Awstrija, u l-Laqqgħa tar-Rappreżentanti tagħha hija ffurmata minn delegati mill-Kmamar tal-Avukati (<http://www.rechtsanwalte.at/>).

## 5. Nutara

### Ġenerali

In-nutara, bħala istituzzjoni indipendenti u imparzjali tal-ġustizzja preventiva, huma disponibbli għall-pubbliku li jfittex il-liġi għall-finijiet li jirregolaw ir-relazzjonijiet legali privati tagħhom.

L-impenn prinċipali tagħhom huwa li jipparteċipaw fil-proċessi legali u li jipprovdu għajjnuna legali lill-pubbliku. In-nutara jabbozzaw atti pubbliċi, iżommu proprjetà ta' terzi fuq bażi fiduċjarja, jabbozzaw skritturi privati u jirrappreżentaw lill-partijiet, speċjalment fi kwistjonijiet mhux kontenzjużi. In-nutara huma wkoll responsabbli għal ħidma bħala aġenti tal-qorti fi proċedimenti mhux kontenzjużi. B'mod partikolari, huma kkonsultati bħala "kummissarji tal-qorti" biex imexxu proċeduri ta' suċċessjoni.

In-nutara jiżguraw li l-assi ta' persuna deċeduta jkunu sikuri u mgħoddija lill-persuni li jkollhom dritt li jirċevuhom. Dan ix-xogħol jeħtieġ għarfien speċjali tal-liġi tas-suċċessjoni u tal-proċedimenti mhux kontenzjużi, li jfisser ukoll li n-nutara huma kontinwament ikkonsultati mill-pubbliku biex jassistu fl-abbozzar ta' testmenti u b'mod ġenerali biex jagħtu pariri u jipprovdu rappreżentanza fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni.

In-nutara għandhom kariga pubblika, iżda ma humiex impjegati taċ-ċivil. Huma jassumu r-riskju kummerċjali li jmexxu l-uffiċċju tal-prattika, iżda ma jmexxux negozju. Huma simili għal persuni li jipprattikaw professjoni liberali, iżda bħala kummissarji tal-qorti huma uffiċjali ġudizzjarji. Ix-xogħol ta' nutar huwa professjoni ewlenija u ma jistax jiġi kkombinat max-xogħol ta' avukat.

It-tibdil fin-numru tal-pożizzjonijiet notarili u fil-postijiet tal-uffiċċji tagħhom isir permezz tar-regolamentazzjoni mill-Ministru Federali għall-Ġustizzja. Attwalment hemm 536 nutar fl-Awstrija (f'April tal-2023).

Il-bażijiet legali fundamentali għal din l-attività jinsabu fil-Kodiċi tan-Nutara (*Notariatsordnung (NO)*), RGBL Nru 75/1871; l-Att dwar l-Atti Notarili (*Notariatsaktsgesetz*), RGBL Nru 76/1871; l-Att dwar it-Tariffi tan-Nutara (*Notariatstarifgesetz (NTG)*), BGBL Nru 576/1973; l-Att dwar l-Eżami tan-Nutara (*Notariatsprüfungsgesetz (NPG)*), BGBL Nru 522/1987; l-Att dwar il-Kummissarji tal-Qorti (*Gerichtskommissärsgesetz (GKG)*), BGBL Nru 343/1970; u l-Att dwar it-Tariffi tal-Kummissarji tal-Qorti (*Gerichtskommissionstarifgesetz (GKTG)*), BGBL Nru 108/1971.

## Taħriġ

Dawk li lestew l-istudji tal-liġi tagħhom (fil-liġi Awstrijaka) u li huma interessati fil-professjoni ta' nutar iridu jfittxu nutar li jaċċettahom bħala impjegat u li jniżżilhom isimhom fil-lista ta' nutara kandidati.

It-tniżżil fil-lista ta' nutara kandidati miżmuma mill-Kamra tan-Nutara responsabbli huwa permissibbli biss jekk il-persuna rilevanti kellha seba' xhur prattika fil-qorti bħala prattikant legali f'qorti jew f'uffiċċju tal-prosekutur pubbliku u tkun għadha ma għalqitx il-35 sena meta tkun tniżżlet għall-ewwel darba fil-lista tal-kandidati.

Sabiex jiġi ammess għall-eżami notarili, in-nutar kandidat irid jattendi l-avvenimenti obbligatorji ta' taħriġ preskritti mill-Kamra tan-Nutara.

L-eżami tan-nutara huwa maqsum f'żewġ partijiet:

- In-nutar kandidat jista' jagħmel l-ewwel parti tal-eżami wara kandidatura ta' 18-il xahar, iżda mhux aktar tard minn tmiem il-ħames sena tal-kandidatura; inkella, ismu jitneħħa mil-lista tan-nutara kandidati.
- It-tieni parti tista' ssir wara aktar impjegat prattiku ta' mill-inqas sena bħala nutar kandidat. Il-kandidat irid jgħaddi mit-tieni parti tal-eżami tan-nutara l-aktar tard qabel it-tmiem ta' 10 snin tal-kandidatura; inkella, isem il-kandidat jitneħħa mil-lista ta' nutara kandidati.

## Ħatra

Pożizzjonijiet notarili li jkunu ġew battala jew li jkunu għadhom kif inħolqu jridu jiġu ppubblikati qabel ma jimtlew. Il-liġi (l-Artikolu 6 tal-Kodiċi tan-Nutara) teħtieġ, fost affarijiet oħrajn, li l-applikanti għal pożizzjoni notarili:

- ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera;
- ikunu temmew b'suċċess studji fil-liġi Awstrijaka;
- ikunu għaddew mill-eżami tan-nutara; u
- jkunu kapaċi jagħtu prova ta' 7 snin ta' impjegat fil-professjoni legali, inklużi mill-inqas 3 snin bħala nutara kandidati wara li jkunu għamlu l-eżami tan-nutara.

Dawn ir-rekwiżiti bażiċi ma jagħtux, madankollu, id-dritt li wieħed jinħatar bħala nutar. Fil-proċedura ta' reklutaġġ, l-applikanti jiġu vvalutati u kklassifikati mill-Kamra tan-Nutara b'ġuriżdizzjoni territorjali, u sussegwentement mill-bordijiet tal-persunal tal-qorti reġjonali responsabbli u tal-Qorti Reġjonali Superjuri, u t-tul tal-impjegat prattiku jkun ta' importanza deċiżiva. Kull Kamra tan-Nutara u kull wieħed miż-żewġ bordijiet tal-persunal jissottomettu lista qasira ta' tliet applikanti lill-Ministru Federali għall-Ġustizzja. Għalkemm ma jkunx marbut b'dawn il-listi, fil-prattika l-Ministru jaħtar biss l-applikanti fuq il-lista l-qasira.

Nutar jista' jipprattika sal-31 ta' Jannar tas-sena kalendarja wara li jagħlaq 70 sena. Trasferiment uffiċjali ta' nutar għal pożizzjoni notarili differenti mhux jipermess.

## Superviżjoni tan-nutara; responsabbiltà f'għajnejn il-liġi

Minħabba d-dmirijiet tagħhom fit-tfassil tal-atti pubbliċi u bħala kummissarji tal-qorti, in-nutara huma soġġetti għal superviżjoni partikolari. Is-superviżjoni tan-nutara hija r-responsabbiltà tal-Ministru Federali għall-Ġustizzja, l-amministrazzjoni ġudizzjarja u, direttament, il-kmamar tan-nutara.

In-nutara huma suġġetti għal liġi dixxiplinarja speċjali. Ir-reati dixxiplinari jiġu kkastigati fil-prim'istanza mill-Qorti Reġjonali Superjuri bħala l-qorti dixxiplinarja għan-nutara, u fit-tieni istanza mill-Qorti Suprema bħala l-qorti dixxiplinarja għan-nutara. Kull diviżjoni li tisma' l-kawżi jrid ikollha membri li jkunu nutara. Il-lista ta' pjeni li jstgħu jiġu imposti mill-qorti dixxiplinari testendi għat-tneħħija mill-kariga. Il-penali għal sempliċi reati amministrattivi huma imposti mill-Kamra tan-Nutara.

Minbarra r-responsabbiltà dixxiplinari tagħhom, in-nutara huma ovvjament ukoll responsabbli taħt id-dritt kriminali u ċivili.

Fejn in-nutara jaġixxu bħala kummissarji tal-qorti, huma meqjusa bħala impjegati taċ-ċivil għall-finijiet tad-dritt kriminali u għalhekk huma responsabbli għal prattika ħażina, li tinkludi b'mod partikolari l-abbuż tal-poter uffiċjali. Ir-responsabbiltà tagħhom skont id-dritt ċivili hija rregolata b'mod differenti. Meta n-nutara jaġixxu bħala kummissarji tal-qorti, huma soġġetti għall-istess dispożizzjonijiet ta' responsabbiltà bħall-imħallfin u l-prosekuturi pubbliċi. Għalhekk, ma jstgħux jitressqu talbiet direttament kontrihom mill-partijiet, li minflok iridu jidderieġu t-talbiet tagħhom għal kumpens lill-Istat. L-Istat jista' jfittex rimedju f'każ ta' atti intenzjonali jew negliġenza serja. Minbarra l-attività tagħhom bħala kummissarji tal-qorti, in-nutara huma direttament responsabbli fil-konfront tal-partijiet skont id-dritt ċivili.

## Bordijiet tan-nutara, Kamra tan-Nutara Nazzjonali Awstrijaka

In-nutara li għandhom il-prattika tagħhom fi provinċja federali jew li huma mniżżla bħala nutara kandidati fil-lista tan-nutara kandidati ta' dik il-provinċja federali jikkostitwixxu bord ta' nutara. Il-provinċji federali ta' Vjenna, l-Awstrija t'Isfel u l-Burgenland għandhom bord konġunt, bħalma għandhom il-provinċji federali ta' Tirol u Vorarlberg.

Il-bord huwa responsabbli biex jippreserva l-unur u d-dinjità tal-professjoni u biex jirrappreżenta l-interessi tagħha.

Kull bord tan-nutara jrid jeleġġi Kamra tan-Nutara minn fost il-membri tiegħu. Kamra tan-Nutara hija magħmula minn nutar wieħed bħala president, u sitt nutara (12 fi Vjenna) u tliet nutara kandidati (sitta fi Vjenna) bħala membri.

Il-Kamra tan-Nutara Nazzjonali Awstrijaka ([Österreichische Notariatskammer](#)) hija magħmula mill-kmamar provinċjali tan-nutara. Il-Kamra tan-Nutara Nazzjonali Awstrijaka hija kkwalifikata biex tirrappreżenta lin-nutara u tiddefendi d-drittijiet u t-tħassib tagħhom fi kwistjonijiet li jikkonċernaw in-nutara Awstrijaċi kollha kemm huma jew fi kwistjonijiet li l-ambitu tagħhom imur lil hinn minn dak ta' Kamra tan-Nutara individwali.

## Links relatati

[Professjonijiet legali - l-Awstrija](#)

---

L-aħħar aġġornament: 26/10/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.